MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2005

Avviz Numru. 397/2001/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-asiskurat taghha Eric Fenech Pace sija bil-polza u sija bil-ligi**

**Vs**

**Keith Pace u b'digriet tat-30 ta' Lulju 2001 is-socjeta Untours Insurance Agency Ltd ghall-Qatar Insurance Company giet ammessa fil-kawza in statu et terminus.**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici nomine et talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundanant li jhallas, lill-atturi s-somma ta' erba' mija u wiehed u tletin liri Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm431.62) li jinkludu hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) 'excess' imhallas mill-assikurat Eric Fenech Pace rappresenanti danni kagunati mill-konvenut f'incident

awtomobiisitku tat-13 ta‘ Jannar, 2000, gewwa Paola, bejn il-vettura numru BAA 674 misjuqa mill-konvenut Keith Pace u l-vettura numru GAQ 491 misjuqa minn Rocco Felice u propjeta tal-assikurat tas-socjeta’ attrici Eric Fenech Pace, liema incident gara unikament tort tal-konvenut, minhabba traskrugni, imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjes komprizi ghaxar liri u hamsin centezmu (Lm10.50) ta’ ittra u konsult, dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta’ Dicembru, 2000, u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut kontestwalment ma l-avviz u bl-imghax dekorribbli mis-27 ta’ Dicembru, 2000, id-data tal-ittra ufficjali, sal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet Taghha moghti fit-30 ta’ Lulju 2001 (fol 14 sa fol 17 tal-atti) u li bih giet ammessa fil-kawza ‘in statu et terminus’ is-socjeta’ Untours Insurance Agents Ltd’.

Rat in-nota tal-eccezzjonjiet tal-istess socjeta intervenuta (fol 20 ibid) fil-kawza u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi l-incident stradali in kwistjoni ma kienx kopert b’polza ta’ assikurazzoni mahruga mis-socjeta eccipjenti.
2. Illi din l-Onor Qorti hi mitluba tiddeciedi u tiddikjara li ghal kwalunkwe sentenza li s-socjeta attrici tottjeni kontra l-konvenut mhux applikabbli l-provvediment tal-Kap 104 u ghalhekk tali sentenza ma tkunx esegwibbli kontra s-socjeta intevenuta eccipjenti (ara PA Dr Maria Fatima Mallia vs Joseph Sammut et, 29.06.81, per H Harding, u TTZ/281/01/JR Gasan Mamo Insurance Agency Ltd noe vs Hassan Ali Mohammed, 16.03.01).

Rat illi l-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz in esami (ara fol 80 ‘a tergo’) izda dan ma deherx sabiex jikkontesta t-talbiet attrici u ma ppresenta l-ebda nota ta’ eccezzjonijet bil-miktub in kontestazzjoni (ara ukoll fol 75, fol 79 u fol 83 tal-istess atti).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi in rigward il-meritu ta' din il-kawza PC 353 Antoine Sacco (fol 36 u fol 54 et seq ibid) wara li spjega illi f'dan il-kaz, ma kienx sar skizz tal-incident in esami u dan minhabba li ".. Keith Pace, kien telaq minn fuq il-post' tal-istess incident ipprezenta l-anness rapport minn fejn jidher illi Rocco Felice, li kien qed jsuq il-vettura GAQ 491, kien stqarr max-xhud illi, waqt li kien qed jsuq fit-Telgha ta' Kordin, hu kien waqaf fejn hemm id-dwal tat-traffiku "….and all of a sudden vehicle BAA 674 collided on my rear, reversed and ran from the spot". Sussegwentement l-istess Keith Pace li kien qed jsuq il-vettura l-ohra, bin-numru BAA 674 stqarr, ukoll, illi "… collided on to the rear of vehicle … reverse(d) and continued his way". Meta xehed l-istess Rocco Felice (fol 41 ibid) dan, fis-sustanza, kkonferma taht gurament, dak kollu li kien stqarr lill-istess Pulizija.

Illi, ghalhekk, ma ghandux jkun hemm ebda dubbju illi l-konvenut li baqa' kontumaci, ghandu jigi ritenut responsabbli ghal dan l-incident minhabba negligenza fis-sewqan da parti tieghu.

Illi kif jidher a fol 35 tal-atti, l-ammont ta' danni pretiz fl-avviz ma hux qed jigi kontestat (ara ukoll fol 27 sa fol 31 ibid).

Ikkunsidrat

Illi, pero', is-socjeta intervenuta f'din il-kawza qed issostni illi dan l-incident ma kienx kopert b'polza ta' assikurazzjoni mahruga minnha u b'hekk talbet sabiex jigi dikjarat minn din il-Qorti, illi din is-sentenza ma hiex applikabbli ghall-istess socjeta intervenuta fil-kawza u dan a basi tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta. In sostenn ta' dan, xehed Tony Amaira (fol 43 u fol 48 et seq ibid). Dan xehed illi "xi darba' l-vettura misjuqa mill-konvenut kienet assikurata ma' din is-socjeta' "… meta kienet fuq isem Philip Micallef". A basi tad-dokumenti esebiti minnu stess a fol 45 u fol 46, kien jidher li l-istess vettura kienet assikurata fuq isem l-istess Philip Micallef mill-ewwel (1)

ta' Marzu 1999 sal-25 ta' Novembru 1999 stante li dan kien kkancella l-istess polza fl-ahhar data msemmija peress li kien bieghha. (ara ukol li d-dokumenti a fol 50 sa fol 52 ibid kif ukoll ix-xhieda ta' Jose Abela a fol 71 u 72 ibid).

Illi, mill-fatti kif risultanti mill-provi prodotti, jidher evidenti illi fid-data tal-incident in esami il-konvenut ma kienx kopert mas-socjeta intervenuta fil-kawza, b'polizza ta' assikurazzjoni mal-istess socjeta. Bhala konsegwenza din is-sentenza ma hiex esegwibbli kontra s-socjeta intervenuta in kawza.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti:-

a) Tilqa l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta intervenuta fil-kawza u tiddikjara u tiddeciedi li din is-sentenza ma hiex esegwibbli fil-konfront tal-istess socjeta' wara li jigi dikjarat li l-istess socjeta ma hix responsabbli taht dak li jipprovdi l-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.
b) Tilqa t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut wahdu u: i) tiddikjara lill-istess konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami minhabba traskuragni, imprizja u nuqqas ta 'tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut. ii) tillikwida l-ammont totali ta' danni fis-somma ta' Lm431.62,0 u iii) tikkundanna lill-istess konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta' Lm406.62,0 u lill-attur Eric Fenech Pace, s-somma ta' Lm25.00,0 bl-imghax legali mis-27 ta' Dicembru 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra u konsult ammontant ghal Lm 10.50,0 u tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Dicembru 2000 u tat-3 ta' Marzu 2001, imsemmija fl-istess avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------